MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 209/2010

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-20 ta' April 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Yixing Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport datat 4 ta' Marzu 2010 a fol 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita` ta' zraben bil-marki ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom *"clear cut infringements of PUMA trademarks"* inkluz *"wrong size label"* u *"no security label".*

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f' Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademarks* u l-Att Tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* **ECMU** 8036500 u mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a fol. 2 sa 4 tal-process.

Rat id-digriet datat 20 ta’ April 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo (ID 543473(M) u l-P.L. Doreen Aquilina fil-kwalita` taghhom ta’ kuraturi deputati ghas-socjeta` Yixing Trading Co. Ltd datata 14 ta’ Gunju 2010 a fol 23 tal-process.

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rapprezentata u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mas-socjeta` intimata, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, *oltre* dik diga` provduta fir-rikors guramentat.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi deputati a fol. 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr Martin Fenech ghall-attur li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kuraturi deputati imsejjhin diversi drabi baqaw ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-12 ta' Frar 2010 fil-kontejner Numru ECMU 8036500 waqt spezzjoni mill-Ufficjali tad-Dwana nstab li kien hemm kaxxi li fihom kwantita` ta' zraben bil-marki ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u kien hemm suspett li huma foloz u ghalhekk l-istess ufficjali tad-Dwana waqfu ir-rilaxx taghhom u informaw b'dan lill-rappresentant tas-socjeta' attrici Malta, peress li s-socjeta' attrici hija proprjetarji tal-istess marka "PUMA" kif jirrizulta mir-registrazzjoni tal-istess numru 13091 (ara affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 18 ta' Mejju 2010 – fol. 21 tal-process).

Illi mir-rapport datat 3 ta' Marzu 2010 maghmul minn Neil Narriman (fol. 20) jirrizulta li effettivament tali konsenja ta' zraben hekk intercetta mill-ufficjali tad-Dwana, kienet fil-fatt falza u allura ma hemm l-ebda dubju li d-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka gew pregudikati u lesi. Jirrizulta li l-istess merkanzija kienet minghuta mis-socjeta' konvenuta li hija indikat fil-polza ta' karigu bhala *"shipper".*

Illi ghalhekk dak allegat mis-socjeta' attrici jinsab konfermat mix-xhieda kollha prodotta u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti, u fil-fatt l-istess provi ma huma bla ebda mod kontradetti, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fir-risposta guramentata taghom datata 14 ta' Gunju 2010 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* imsemmija proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att**

**tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b’hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a spejjez tas-socjeta` konvenuta fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* **ECMU** 8036500 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici u dan peress li l-istess oggetti mertu ta’ din il-kawza huma foloz u falsifikati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------